MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 838/2008

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Anthony Mario Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi ipprezentat fid-29 ta’ Ottubru 2008 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ elf, sitt mija u tnejn u tletin ewro u erba’ centezmi (€1,632.04c) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut skont kif jirrizulta minn client contract number 1013055 in rigward ta’ servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici ghax-xhur ta’ bejn is-sena 2007 u 2008. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ Ittra Ufficjali datata 30 ta’ April, 2008 u ta’ Mandat ta’ Sekwestru prezentat kontestwalment ma’ dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici. Gie notat ukoll illi Dr. Martin Fenech fis-seduta tas-16 ta' Jannar, 2009 iddikjara illi l-patrocinat tieghu kien fil-fatt debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont mitlub u kif ukoll illi l-istess konvenut kien qed jaghmel pagamenti mensili ta' circa mija u sittin ewro (€160). Innota wkoll illi l-kawza giet differita diversi drabi ghal probabbli transazzjoni liema transazzjoni baqghet apparentament ma sehhitx. Sema' lil Dottoressa Cynthia Van Der Verden prodotta mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-lum li kkonfermat bil-gurament taghha li minn ricerka li hija ghamlet irrizulta li l-ammont dovut u cioe` l-bilanc li kien ghadu dovut mill-konvenut fil-fatt kien ghadu dak mitlub f'din il-kawza u cioe` dak fl-ammont ta' elf, sitt mija u tnejn u tletin ewro u erba' centezmi (€1,632.04c). Innota wkoll illi l-konvenut ghalkemm imsejjah diversi drabi baqa' ma deherx.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma mitluba ta' elf, sitt mija u tnejn u tletin ewro u erba' centezmi (€1,632.04c). Bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-prezentata ta' dan l-Avviz u bl-ispejjez kollha kif rikjesti a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------